IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2022
COM(2022) 445 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mlaqqa' fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward l-aġġornament tal-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) tal-Ftehim

HEMŻA

ID-DEĊIŻJONI NRU …/ TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-UKRAJNA FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ta' xx.xx.2022

dwar l-emendar tal-Anness XV (Approssimazzjoni tal-Leġiżlazzjoni Doganali) tal-Kapitolu 5 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 465(3) u l-Artikolu 84 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat fil-21 ta' Marzu u fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.

(2) Id-Deċiżjoni Nru 3/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna tal-15 ta' Diċembru 2014 li tiddelega s-setgħa lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ biex jemenda l-Anness XV tal-ftehim.

(3) Il-preambolu tal-Ftehim jafferma x-xewqa tal-Partijiet li jappoġġaw il-proċess ta' riforma fl-Ukrajna permezz ta' approssimazzjoni leġiżlattiva u b'hekk jikkontribwixxu għal aktar integrazzjoni ekonomika u l-approfondiment tal-assoċjazzjoni politika.

(4) F'konformità mal-Artikolu 84 tal-Ftehim, l-Ukrajna ħadet l-impenn li twettaq b'mod gradwali l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE kif stabbilit fl-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) tal-Ftehim.

(5) L-*acquis* tal-Unjoni elenkat fl-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) tal-Ftehim evolva sostanzjalment minn mindu ġew konklużi n-negozjati tal-Ftehim. Jenħtieġ li din l-evoluzzjoni tiġi riflessa f'dak l-Anness XV.

(6) Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, "approssimazzjoni" għandha tinftiehem li tfisser l-obbligu tal-Ukrajna li tinkorpora fil-liġi tal-Ukrajna u timplimenta kontinwament id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-UE f'konformità mal-Artikolu 84 tal-Ftehim ("Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali").

(7) Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, l-approssimazzjoni fuq "bażi tal-aħjar sforz" għandha tinftiehem li tfisser l-obbligu tal-Ukrajna li tinkorpora fil-liġi Ukrena u timplimenta kontinwament id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-UE kemm jista' jkun possibbli u kull fejn ikun prattikabbli, sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 76 tal-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni ġiet stabbilita bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża u Ukrena, u kull test huwa ugwalment awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi …,

Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ

Il-President *Is-segretarji*

ANNESS

ANNESS XV

APPROSSIMAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI DOGANALI

Kodiċi Doganali

Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[1].

Skeda ta' żmien: l-approssimazzjoni mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, għandha titwettaq fi żmien erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, bl-eċċezzjonijiet tal-Artikolu 1, l-Artikolu 2, l-Artikolu 4, l-Artikolu 26, l-Artikolu 42(3), il-paragrafi (3) u (5) sa (7) tal-Artikolu 46, l-Artikolu 49, l-Artikolu 50, l-Artikoli 64 sa 68, l-Artikolu 88(c), it-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 112(2), it-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 114(1), l-Artikolu 136, l-Artikoli 179 sa 181, l-Artikolu 204, l-Artikolu 206(b), l-Artikoli 208 sa 209, l-Artikolu 234 l-Artikoli 278 sa 288.

L-approssimazzjoni mal-Artikoli 5 sa 8, l-Artikoli 16 u 17, l-Artikoli 18 sa 21, l-Artikoli 52 sa 55, l-Artikoli 56 u 57, l-Artikoli 77 sa 87, l-Artikolu 88(a) u (b), l-Artikoli 89 sa 111, il-paragrafi (1), (3) u (4), u l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 112, l-Artikolu 113, il-paragrafi (2), (3) u (4), u l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (1) tal-Artikolu 114, l-Artikoli 115 sa 126, l-Artikoli 133 sa 135, l-Artikoli 137 u 138, l-Artikoli 182 sa 187, l-Artikolu 203(3) u (4), l-Artikolu 205, l-Artikoli 211 sa 213, l-Artikoli 218 u 219, l-Artikoli 222 sa 225, l-Artikoli 254 u 255, l-Artikoli 261 u 262, l-Artikoli 263 sa 276 u l-Artikolu 277 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandha ssir fuq bażi tal-aħjar sforz.

Proċedura Komuni ta' Tranżitu u Dokument Amministrattiv Uniku (DAU)

Il-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-Simplifikazzjoni tal-Formalitajiet fil-Kummerċ tal-Oġġetti
Il-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar il-proċedura komuni ta' tranżitu
Skeda ta' żmien: l-approssimazzjoni mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet imsemmija fl-ewwel u fit-tieni paragrafi, inkluż permezz tal-adeżjoni possibbli tal-Ukrajna ma' dawn il-Konvenzjonijiet, għandha titwettaq fi żmien erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Eżenzjonijiet mid-dazji doganali

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali
Skeda ta' żmien: l-approssimazzjoni mat-Titoli I u II tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 għandha titwettaq fi żmien erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

Ir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

[1] ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

Skeda ta’ żmien: l-approssimazzjoni mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 608/2013, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 26, għandha titwettaq fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. L-obbligu tal-approssimazzjoni mar-Regolament (UE) Nru 608/2013 fih innifsu ma joħloq l-ebda obbligu fuq l-Ukrajna li tapplika l-miżuri meta ma jkunx protett dritt fuq il-proprjetà intellettwali skont il-liġijiet u r-regolamenti sostantivi tagħha tal-proprjetà intellettwali.